Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, t-3 ta' Lulju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius)**

**Versus**

**Eno Rama**
**(235527A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Eno Rama**, detentur tal-karta tal-identita' numru 235527A

Akkuzat talli nhar it-12 ta' Lulju, 2021 ghall-habta ta' bejn id-09:30 am u l-11:10 am gewwa Triq il-Papa Urbanu VIII, Birkirkara;

1. Iddepozita jew uza xi krejn jew makkinarju iehor waqt il-bini, kostruzzjoni jew demolizzjoni ta' xi bini jew progett iehor simili f'xi triq minghajr il-permess tal-Kunsill Lokali;

2. Halla l-vettura ta' ghamla Astra bin-numru ta' registrazzjoni TMS 111, fi Triq il-Papa Urbanu VIII gewwa Birkirkara kontra xi regolamenti tal-ipparkjar jew f'qaghda jew f'cirkostanzi b'tali mod li aktarx setghet kienet ta' periklu jew ta' xkiel ghal nies ohra li kienu qed jaghmlu uzu mit-triq.

Rat illi l-imputat fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2022, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Regolament 8(1) u 13(3) ta' L.S. 441.04 u Regolament 74(1) ta' L.S. 65.11 kif ukoll it-Tieni Skeda ta' Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal hlas t'ammenda ghas-somma ta' mija u wiehed u hamsin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€ 151.41)

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**